MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 116/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Twenty Twenty Projects Limited (C23021)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' hamest elef, erba' mija u hdax-il Ewro u zewg centezmi (€5,411.02) bilanc ghad-debitu fil-"Current Account" tas-socjeta' konvenuta mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2") flimien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Frar 2009 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru 2008 (Dok "B") u tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokumenti markati Dok “A1”, Dok “A2” u Dok “B” a fol 2 sa fol 10 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-23 ta' Settembru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €5411.02 bl-imghax legali ulterjuri mill-10 ta’ Frar 2009 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Ottubru 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tas-26 ta’ Marzu 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------